# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 15 ta' Settembru 2022**

Appell numru 65/2021

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Andre Joel CAMILLERI**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) is-16 ta' Frar 2021 fil-konfront ta' Andre Joel CAMILLERI (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 287694M) li ġie mixli talli fl-4 ta' Frar, 2020 għall-ħabta tat-20:30 fi Triq Il-Kostituzzjoni, l-Mosta:

   i. Waqt li kien qiegħed isuq vettura bil-mutur u qiegħed jersaq lejn passaġġ għall-użu tan-nies bil-pass, naqas milli jnaqqas il-veloċita' u jieqaf;
   ii. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni;
   iii. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'mod perikoluż.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, filwaqt li ma

ħaditx konsiderazzjoni ta' dik il-parti fl-affidavit fejn jissemma' li l-imputat irrikonoxxa li żbalja u dan stante illi ma nġabet l-ebda prova li l-imputat kien imwissi bid-drittijiet tiegħu, sabitu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u mmultatu somma komplessiva ta' tliet mitt euro (€300) kif ukoll ordnat l-iskwalifika tal-liċenza tas-sewqan għall-perjodu ta' ħames xhur mid-data tas-sentenza.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant Andre Joel CAMILLERI appella minn din is-sentenza fejn talab lill-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellant ħati tat-tliet imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u konsegwentement tilliberah minnhom u alternattivament f'każ biss li din il-Qorti tiċħad l-ewwel tliet aggravji, tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena inflitta għal waħda aktar ekwa u ġusta li tkun tirrispekkja l-fatti tal-każ u dan wara li stqarr is-segwenti:

    i. In-nullita' tas-sentenza appellata in kwantu nieqsa għal kollox mill-fatti li tagħhom l-appellant instab ħati u dan skont ma jippreskrivi l-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali;
    ii. In-nuqqas t'attendibilita' tal-affidavits tal-Pulizija PC 762 J. Cauchi u PC 1436 A. Camilleri għaliex dawn huma identiċi għal xulxin.
    iii. Il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha skont ir-regola tal-aħjar prova.
    iv. Il-Piena eċċessiva.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

4. Illi nhar l-4 ta' Frar, 2020 għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħaxija, PC 1436 u PC 762 osservaw li kien hemm vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni MVD001 tinstaq b'manjiera perikoluża fil-Pjazza tal-Mosta. Din il-vettura ġiet osservata tgħaqqad it-tyres u taqla' b'veloċita' eċċessiva tant li anki baqgħet għaddejja minn fuq l-istrixxi pedonali f'mument fejn kien hemm in-nies se jaqsmu, qabel ma mbagħad daret b'veloċita' kbira wara l-Klinika tal-Mosta.

5. L-imsemmija Aġenti tal-Pulizija waqfu lil din il-vettura u identifikaw is-sewwieq bħala Andre Joel Camilleri u wara li ġie spjegat lilu għalfejn huwa kien saq kontra l-Liġi, ġie infurmat li kienu sejrin jittieħdu proċeduri penali kontra tiegħu minħabba dan l-inċident.

**Ikkunsidrat**

6. Illi l-appellant qabel xejn jissolleva l-preġudizzjali tan-nullita tas-sentenza appellata minħabba li jqis li din naqset milli tosserva l-formalitajiet ad validitatem preskritti mill-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali. L-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jgħid:

> Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.

7. Mill-ġurisprudenza – fosthom **Il-Pulizija vs. Joseph Muscat**[1]**, Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield**[2], **Il-Pulizija vs. Nutar Peter sive Pierre Falzon**[3], **Il-Pulizija vs. Carmel Attard**[4], **Il-Pulizija vs. Robert Farrugia**[5]**, Il-Pulizija vs. Philip Zahra**[6]**, Il-Pulizija vs. Francis Mallia**[7]**, Il-Pulizija vs. Anthony Zahra**[8]**, Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia**[9] - tagħti interpretazzjoni tal-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali li ma tippremettix impreċiżjoni lill-ġudikant fl-għoti ta' sentenza fejn din l-impreċiżjoni toħloq inċertezza fil-moħħ tal-akkużat għal dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' ħtija li tkun saret fil-konfront tiegħu. Huwa propju għalhekk li dan l-Artikolu jirrikjedi *ad validitatem* li s-sentenza kundannatorja għandu jkun fiha :
   (i) il-fatti li tagħhom l-akkużat ikun ġie misjub ħati
   (ii) tagħti l-piena lill-ħati u
   (iii) msemmi l-artikolu tal-kodiċi kriminali jew kull liġi oħra li joħloq ir-reat.

8. Dawn ir-rekwiżiti mhumhiex sempliċi formalita' iżda n-nuqqas ta' wieħed minnhom huwa meqjus nuqqas sostanzjali li jwassal għan-

[1] Qorti tal-Appell Kriminali (10.6.1994)
[2] Qorti tal-Appell Kriminali (27.4.06)
[3] Qorti tal-Appell Kriminali (17.1.2019)
[4] Qorti tal-Appell Kriminali (6.6.2007)
[5] Qorti tal-Appell Kriminali (19.11.2015)
[6] Qorti tal-Appell Kriminali (28.9.2017)
[7] Qorti tal-Appell Kriminali (25.2.1965)
[8] Qorti tal-Appell Kriminali (26.5.1994
[9] Qorti tal-Appell Kriminali (28.5.1987)

nullita' tas-sentenza minħabba difett sostanzjali fis-sentenza nnifisha.

9. Dwar l-argument li jirrigwarda l-allegati nuqqas tal-'fatti' fis-sentenza, il-ġurisprudenza b'"fatti" ma tirrikjedix xi rakkont dettaljat tal-akkadut; iżda r-riproduzzjoni tal-imputazzjonijiet kif miktuba fiċ-ċitazzjoni ġie meqjus biżżejjed biex dan ir-rekwiżit jiġi meqjus sodisfatt. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Paul Chetcuti Caruana** deċiż nhar id-19 ta' Frar 2014, intqal:

> Jibda biex jinghad illi l-appellant tressaq il-Qorti fuq procedura sommarja fid-distrett tal-Mosta f'liema kaz allura l-Qorti tal-Magistrati **biex tissodisfa l-vot tal-ligi kien ikun bizzejjed li taghmel riferenza ghall-fatti kif esposti fic-citazzjoni[10],** tindika l-artikoli tal-ligi u taghmel id-dikjarazzjoni ta' htija o meno u jekk ikun il-kaz, il-piena. M'ghandhiex ghalfejn terga' tirrepeti b'mod aktar dettaljat il-fatti kif jidhru fil-bidu tac-citazzjoni peress illi jekk ippruvati, l-Qorti tista' taghmel pjena riferenza ghalihom u xejn aktar.

10. L-istess intqal fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Giuseppi Desira** deċiż nhar it-23 ta' Mejju 2014:

> Sentenza li tikjarifika dak li l-legislatur ried ifisser bil-kelma 'fatti' fl-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Elton Abela':**
>
> 'Il-fatti li l-artikolu 382 jirreferi ghalihom huma l-fatti tar-reat u mhux, kif jippretendi lappellant, il-fatti li jiggustifikaw il- kundanna ossia l-motivazzjoni. Fis-sentenza appellata l-fatti tar-reat huma effettivament elenkati fil-bidu nett. L- ewwel Qorti mbaghad ghaddiet biex telenka l-artikoli tal- ligi relattivi ghal dawk ir-reati kollha u ddikjaratu hati wara li qalet li kienet semghet ix-xhieda kollha u ezaminat id- dokumenti esibiti. Dak li kellha f'mohha lewwel Qorti huwa car, cioe` li kienet qed issib il-htija ghall-imputazzjonijiet kollha peress li ma ghamlet l-ebda kwalifika, u wiehed m'ghandux ghalfejn janalizza s- sentenza biex jipprova jiddetermina ta' x'hiex hija kienet qed issib lill-appellant hati. Certament kien ikun deziderabbli li kieku l-ewwel Qorti ziedet il-kliem "ta' l- imputazzjonijiet kollha" wara l-kelma "hati".'

11. F'dan il-każ, id-decisum tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ġie riprodott fil-verbal a fol 5. Dan il-verbal, verament ma jikkontjenix il-fatti, l-anqas almenu l-imputazzjonijiet kontestati lill-imputat. Iżda a fol 12 jirriżulta li r-Reġistratur inkluda estratt mir-reġistru tas-sentenzi fis-sensi tal-artikolu 663(5) tal-Kodiċi Kriminali. Dan jgħid:

[10] Enfasi ta' din il-Qorti.

> Id-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati, jekk jinkitbu mill-maġistrat li jiddeċidi, għandhom jintrefgħu fl-oriġinal tagħhom, u tgħodd għalihom id-dispożizzjoni tal-artikolu 518. F'kull każ, sunt ta' din id-deċiżjoni għandu jitniżżel f'reġistru apposta, u dan is-sunt jagħmel prova awtentika ta' dik id-deċiżjoni, daqs li kieku kien kopja legali tagħha. Is-sunt għandu jkun fih l-isem tal-qorti li tagħti d-deċiżjoni, l-ismijiet tal-partijiet, id-data tad-deċiżjoni, **u l-partikularitajiet imsemmijin fl-artikolu 382**[11], jew, fil-każ ta' digrieti, is-sustanza tal-parti dispożittiva.

12. L-estratt mir-reġistru preżentat fl-atti a fol 12 jissodisfa l-vot tal-artikolu 663(5) tal-Kodiċi Kriminali. Stante li dan l-estratt mir-reġistru tas-sentenzi ġie eżebit fl-atti, il-Liġi stess ittih status bħala prova awtentika ta' dik id-deċiżjoni li tkun ħadet il-Qorti. Inoltre, dan l-estratt fih riproduzzjoni tal-imputazzjonijiet li ġie mixli bihom l-imputat – u allura l-fatti li dwarhom ġie misjub ħati, il-piena inflitta, nonche l-artikoli tal-Liġi li taħthom instabet il-ħtija. Il-formalitajiet kollha rikjesti mill-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali ġew sodisfatti.

13. Għaldaqstant l-ewwel aggravju tal-appellant qiegħed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

14. Illi l-appellant jilmenta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħet qatt issib ħtija fl-appellant abbażi tax-xhieda mogħtija permezz tal-affidavits esebiti f'foljo 2 u 3 tal-atti proċesswali u dan in kwantu dawn l-affidavits huma kopja wieħed tal-ieħor. Id-Difiża tikkontesta l-attendibbilita ta' dawn l-affidavits. Minn ħarsa akkurata ta' dawn l-affidavits din il-Qorti minnufih tagħti raġun lill-appellant u tosserva kif dawn l-affidavits huma kważi identiċi. Ma jistax jingħad li f'dan il-każ kien hemm 'copy and paste exercise' in kwantu hemm xi ftit kliem li huwa differenti. Iżda fis-sustanza, u l-parti l-kbira tal-kontenut ta' dawn l-affidavits huwa prattikament identiku.

15. Din il-Qorti tifhem illi fil-mument illi l-appellant inqabad isuq allegatament bil-manjiera rraportata l-kuntistabbli PC 762 J. Cauchi u PC 1436 A. Camilleri kienu flimkien u, jekk jitwemnu, huma raw l-istess ħaġa sseħħ quddiem għajnejhom. Iżda dan ma jfissirx li l-perspettiva ta' xhud għandha tirrifletti bi preċiżjoni kważi identika l-perspettiva ta' xhud ieħor. Il-verżjoni individwali tagħhom hija meħtieġa għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja. Irid ukoll jingħad li l-fatt li affidavits li jkunu kważi kopja identika ta' xulxin ma jżżidx il-kredibbilita' ta' dak li jkun xehed ix-xhud premezz tal-affidavit.

[11] Enfasi ta' din il-Qorti.

L-identiċita jew kważi identiċita f'dak mistqarr f'affidavit xejn ma jkollu effett korroborattiv; anzi jekk xejn jista' jkollu l-effett oppost. Hekk jidher li ġara fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Mark Tanti** deċiż nhar is-27 ta' Marzu, 2014 fejn dil-Qorti kienet proċediet sabiex skartat l-affidavits li kienu identiċi, ossija l-prodott ta' eżerċizzju ta' "cut and paste":

> Minn ezami akkurat tal-affidavits prezentati f'dawn l-atti jidher illi l-osservazzjoni tal-appellant huwa minnu. L-affidavit ta' PC 1316 Agius u PC 954 James Mangion ghal ghal dak li hu l-ewwel faccata taghhom huwa "cut and paste" tal-affidavit li prezenta s-surgent. Ghad illi PC 954 James Mangion ikompli bl-affidavit tieghu a pagna 11 li huwa differenti minn dawk tal-ohrajn. Din il-Qorti taqbel mal-argument tad-Difiza illi dana huwa abbuz tas-sistema. **Hawnhekk m'ghandniex korraborazzjoni, izda ripetizzjoni illi huwa perikoluz illi jkun prezentat bhala prova f'process penali u ghalhekk il-Qorti sejra tiskarta l-affidavits**[12] ta' PC 1316 Agius u PC 954 James Mangion, zgur, almenu ghal dak li jirrigwarda l-affidavit li jidher a fol 10 tal-process.

16. Illi mistqarr dan pero f'dan il-każ ma jirriżultax li sar sempliċi eżerċizzju ta' "cut and paste" bħal fl-appell ta' **Mark Tanti**, għalkemm fis-sustanza tagħhom l-affidavits huma identiċi. Din il-Qorti ma tqisx pero li għandha tirrikorri għar-rimedju estrem u eċċezzjonali tal-iskartar ta' affidavits bħal ma sar fl-appell kriminali **Mark Tanti**, fejn wara kollox l-iter proċedurali kien differenti minn dak li seħħ f'dan il-każ. Din il-Qorti tifhem li l-pressjoni tax-xogħol tal-Aġenti tal-Pulizija twassalhom biex jaqtgħu fil-qasir u biex iħaffu xogħolhom jipproduċu affidavits li jkunu kważi identiċi għal xulxin. Iżda din mhix prattika tajba u għandha tiġi riveduta minn dawk kollha li fl-eżekuzzjoni tax-xogħol tagħhom ikunu meħtieġa jew għandhom il-possibilita mogħtija lilhom bil-Liġi li jippreżentaw affidavit.

17. Kull xhud li jista' jieħu affidavit għandu jikteb fih il-verżjoni tal-fatti tiegħu innifsu b'mod li jesprimi lilu nnifsu bil-mod tiegħu; u mhux jaqbad u jikkopja kelma b'kelma l-affidavit li jkun għamel il-kollega tiegħu li kien miegħu u jikkonfermah daqslikieku dak l-affidavit kien għamlu hu stess. Dan qiegħed jingħad f'dan il-każ minħabba l-fatt li mill-NPS eżebit a fol 9 jirriżulta li dan ir-rapport kien ġie introdott fis-sistema komputerizzata mill-istess PC762 John Jay Cauchi, li l-affidavit tiegħu jinsab a fol 2 u liema rapport huwa prattikament identiku għall-affidavit preżentat mill-istess PC762. Imbagħad jirriżulta li l-affidavit eżebit a fol 3 ta' PC1436 Ayrton Camilleri kien kważi identiku għal dak imsemmi fl-affidavit

[12] Enfasi ta' din il-Qorti.

ta’ PC762 u l-NPS reġistrat minn PC762. Iżda din hija sempliċiment osservazzjoni li qegħda tagħmel din il-Qorti in kwantu qabel dan l-istadju ta’ reviżjoni ma jirriżultax li dan il-punt kien ġie b’xi mod diskuss.

18. Iż-żewġ aġenti tal-Pulizija li preżentaw l-affidavit tagħhom la ġew prodotti biex jixhdu u mill-banda l-oħra l-anqas ma ġew imħarkin biex iwieġbu għal dak miktub minnhom fl-affidavits permezz ta’ mistoqsijiet in kontro-eżami. Dan huwa differenti minn dak li seħħ fl-appell kriminali **Mark Tanti** msemmi iżjed il-fuq. B’hekk għalkemm huwa minnu li l-kontenut tal-affidavits huwa kważi kważi identiku, mill-banda l-oħra dawn iż-żewġt xhieda ma ġewx sfidati f’dak li kkonfermaw bil-ġurament tagħhom. Mill-atti tal-kawża l-anqas ma jirriżulta li dawn l-affidavits ġew kontestati formalment quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u dan stante ma jirriżulta ebda verbal li permezz tiegħu id-Difiża talbet l-isfilz jew l-iskartar ta’ dawn iż-żewġt affidavits stante li skontha ma jkunux jirriflettu l-verżjoni individwali tad-dikjarant.

19. Għal dawn ir-raġunijiet, dan it-tieni aggravju qiegħed ukoll jiġi respint.

**Ikkunsidrat**

20. It-tielet aggravju huwa fis-sens li l-Prosekuzzjoni naqset li tressaq l-aħjar prova f’dan il-każ. Id-Difiża targumenta li l-affidavits huma neqsin minn dettalji u provi importanti li kienu determinanti sabiex tkun tista’ tinstab ħtija f’dan il-każ.

21. Din il-Qorti ma taqbilx ma din l-interpretazzjoni ta’ dak li xehdu l-Aġenti tal-Pulizija bl-affidavit. L-affidavits verament huma wkoll qosra u skjetti. Iżda minkejja s-sempliċita u l-qosor tagħhom jikkontjenu fihom il-minimum meħtieġ biex il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet issib li r-reati kontestati kienu fil-fatt integrati.

22. L-ewwel imputazzjoni titratta r-reat ta’ min, waqt li jkun qiegħed isuq vettura bil-mutur jersaq lejn passaġġ għall-użu tan-nies bil-pass, naqas milli jnaqqas il-veloċita u jieqaf. Dan jirrifletti l-ksur tar-regolament 89(1) tal-Liġi Sussidjarja 65.11 li jippreskrivi d-dmir tal-vetturi li:

> Meta t-triq tkun markata b'linji bojod paralleli jew bi studs matul il-wisa' tagħha, jew b'sinjali oħra biex juru spazju għall-passaġġ għall-użu ta' nies bil-pass, il-vetturi kollha li jkunu qed jersqu lejn dak il-passaġġ għandhom imexxu bil-mod u, jekk ikun hemm bżonn għandhom jieqfu, biex iħallu lin-nies bil-pass jaqsmu, u ma għandhom f'ebda każ jaqsmu l-passaġġ ta' xi nies bil-pass li jkunu qed jużawh.[13]

23. Ix-xhieda fl-affidavits jgħidu li s-sewwieq tal-vettura MVD001, li wara li ġie mwaqqaf minnhom ġie identifikat bħala l-appellant, ġie innutat li qala' b'veloċita eċċessiva minn fejn kien ipparkjat, għadda minn fuq iż-żebra crossing fejn injora għal kollox in-nies li kien hemm jistennew biex jaqsmu. Verament illi x-xhieda ma spjegawx kemm kienet il-veloċita eċċessiva li biha l-appellant qala' minn fejn kien ipparkjat. Iżda l-frażi "veloċita eċċessiva" għalkemm mhux faċilment kwantifikabbli mingħajr strument tal-kejl adattat, xorta waħda tibqa' l-antiteżi ta' "sewqan bil-mod". L-obbligu skont ir-regolament 89(1) tal-Liġi Sussidjarja 65.11 huwa li l-vetturi li jersqu lejn strixxi pedonali għandhom isuqu bil-mod.

24. Il-fatt li x-xiehda ddeskrivew is-sewqan tal-appellant meta qorob u għadda minn fuq dawn l-istrixxi pedonali bħala li kien b'veloċita eċċessiva, jinftiehem li żgur ma kienx sewqan bil-mod kif trid il-Liġi. Jirriżulta wkoll minn din ix-xiehda li kien hemm bżonn li l-appellant jieqaf meta resaq lejn dawn l-istrixxi pedonali għax dawn iż-żewġt Aġenti tal-Pulizija raw lil xi nies li kienu qegħdin jistennew biex jaqsmu. Minkejja dan jiddeskrivu l-imġieba tas-sewwieq appellant bħala li injorahom għal kollox u baqa' għaddej minn fuq dawn l-istrixxi meta ma kienx qiegħed l-anqas isuq bil-mod.

---

[13] Il-prosekuzzjoni tkun tista' titmexxa in bażi għal dak dispost mill-artikolu 55 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid:

> 55.(1) Bla ħsara ta' kull provvediment ieħor ta' din l-Ordinanza, kull persuna li tagħmel reat kontra xi regolament magħmul taħt l-artikolu 54 għandha, meta tinsab ħatja, teħel il-pieni kif stabbiliti għal kontravvenzjonijiet fil-Kodiċi Kriminali, iżda kull piena bħal dik ma għandha tkun f'ebda każ anqas minn ammenda ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65):
>
> Iżda, fil-każ ta' reat muri fl-ewwel kolonna tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza, il-piena li għandha tingħata għandha tkun dik murija fit-tieni kolonna tagħha u, fil-każ ta' reat muri fl-ewwel kolonna tat-Tieni Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza, il-piena li għandha tingħata m'għandha f'ebda każ tkun inqas mill-ammenda relattiva murija fit-tieni kolonna tagħha.

25. Huwa minnu li l-Prosekuzzjoni ma resqitx ix-xiehda ta' dawk in-nies li kienu qegħdin jistennew fuq l-istrixxi pedonali biex jaqsmu. B'daqshekk pero ma jfissirx li dak li raw l-Aġenti tal-Pulizija b'għajnejhom jiżvolġi quddiemhom mhux tajjeb bħala prova biex fuqha tkun tista' tinstab ħtija għal din l-ewwel imputazzjoni. Fl-aħħar mill-aħħar dawn l-Aġenti tal-Pulizija kienu xiehda tal-akkadut daqs dawk in-nies li kienu qegħdin jistennew fuq l-istrixxi pedonali pronti biex jaqsmu iżda li ma tħallewx jagħmlu dan grazzi għas-sewqan tal-appellant.

26. F'dan l-isford probatorju l-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment issib lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni.

27. It-tieni u t-tielet imputazzjonijiet huma dawk misjuba taħt l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

28. Il-Qorti tagħmel referenza għal ġurisprudenza fejn saret distinzjoni ċara bejn dak illi jitqies bħala sewqan traskurat u negliġenti u għal dak li jiddeġenera f'sewqan perikoluż :

> Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn jew li ma jilhaqx il-livell ta', sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fl-artikolu 15 (2) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65) bhala sewqan "bi traskuragni kbira". Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perkolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddecidi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-prezenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz.[14]

[14] **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar is-6 ta' Mejju 1997.

29. In oltre fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Alfonso Abela** din il-Qorti diversament ippreseduta rriteniet is-segwenti:

> Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Aldo Muscat" [27.5.04]), jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "Degree". (App.Krim. Pul. vs. Charles Bartolo [14.3.59] ; Pul. vs. Wilson, Vol. XXXIX p. 1018 u Pul. vs. Alfred Vella, Vol. XLIV ; p. 933) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. Pul. vs. Hardingham , [19.10.1963]) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. Pul. vs. Charles Farrugia XXXIX p. 1018.) "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye". (App. Krim. Pul. vs. Joseph Aquilina , 20.4.1963) . Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs. Antonio Spiteri , Vol. XLIV , p.892.).[15]

30. Id-deskrizzjoni mogħtija fl-affidavits kien dawn l-Aġenti tal-Pulizija raw lil vettura misjuqa mill-appellant tinstaq b'manjiera perikoluża ħafna ġewwa l-Pjazza tal-Mosta, u Triq il-Kostituzzjoni, fil-Mosta. Huma jispjegaw li dan is-sewqan perikoluż kien qiegħed isir permezz ta' sewqan b'veloċita eċċessiva u tgħaqqid ta' tyres. Inoltre, l-appellant qala' minn posizzjoni wieqfa b'veloċita eċċessiva, apparti li għadda minn fuq żebra crossing fejn injora għal kollox lin-nies li kienu qed jistennew biex jaqsmu. Imbagħad kompla bil-manuvri tiegħu billi dar mal-blokka tal-klinika tal-Mosta wkoll b'veloċita eċċessiva. Għal dawn l-Aġenti tal-Pulizija dak it-tip ta' sewqan li raw lill-appellant jagħmel quddiem għajnejhom kien tali anke jekk kienu "Off-duty" xprunahom biex jaġixxu. Dak is-sewqan li huma raw b'għajnejhom kien deskritt minnhom bħala li l-mod li bih kien qiegħed isuq f'zona daqshekk frekwentata minn nies u traffiku kien, għalihom, għal kollox negliġenti fejn poġġa f'periklu ċar lil dawk il-persuni li kienu ser jaqsmu minn fuq iż-zebra crossing.

31. Aġenti tal-Pulizija f'dan il-każ huma xhieda ordinarji u li in kwantu tali ma jistgħux jagħtu l-opinjoni tagħhom iżda jridu jixhdu biss dwar dak li jkunu esperjenzaw b'xi wieħed jew iżjed mis-sensi tagħhom. Il-ġudizzju tagħhom li s-sewqan tal-appellant kien "negliġenti" jew li kien għaddej b'"veloċita eċċessiva" jinstemgħu li huma opinjonijiet soġġettivi ta' dak li jkun esprimihom.

---

[15] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Marzu 2005.

32. Is-sewwieq ta' vettura bil-mutur għandu dmirijiet li jrid iżomm u josserva f'kull waqt li jkun qiegħed bl-isteering wheel f'idu. Karozza fi triq tista' tkun letali daqs arma proprja jekk mhux użata u misjuqa bil-għaqal meħtieġ. Is-sewwieq ta’ vettura bil-mutur huwa marbut li jsuq bl-attenzjoni, diliġenża, ħila u raġonevolezza skont iċ-ċirkostanzi tal-każ u l-kundizzjonijiet prevalenti fit-triq fil-mument u fil-lok fejn ikun qiegħed isuq. L-obbligu li s-sewwieq huwa li jieħu ħsieb li jsuq sew, b’mod attent u prudenti skont iċ-ċirkostanzi prevalenti quddiemu. Is-sewwieq irid li jżomm il-proper lookout, u “to see what is in plain view”, u li jkollu kontroll sħiħ tal-vettura li jkun qiegħed isuq bil-mezz viżiv kif ukoll bil-mezz tas-smiegħ, inkluż, bil-vetturi moderni dejjem aktar teknoloġikament avvanzati, bil-mezzi, attrezzi u apparat li l-karozzi jiġu mgħamra bihom.[16] Is-sewwieq irid dejjem isuq b’mod li jkun jista' jagħmel evalwazzjoni f’waqtha tas-sitwazzjoni li jkun qiegħed isuq fiha u dan sabiex jevita li jkun hemm riskju ta' kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma pedestrians.

33. Għalkemm hemm limiti ta' veloċita stabbiliti f'zoni u f'toroq partikolari, anke jekk sewwieq ikun qiegħed isuq fil-limiti tal-veloċita konsentita, huwa jrid dejjem isuq b'**safe speed** fiċ-ċirkostanzi partikolari prevalenti fit-triq li fiha jkun qiegħed isuq. Dan huwa meħtieġ sabiex f'kull waqt ikun jista' jieħu dik l-azzjoni proprja u effettiva sabiex ikun jista' jevita kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma pedestrians billi jkun jista' jnaqqas il-veloċita, jew iwaqqaf il-vettura misjuqa minnu jew li jieħu dik l-azzjoni evażiva skont il-każ biex tiġi evitata kolliżjoni jew inċident, u dan dejjem skond il-kondizzjoni prevalenti u ċ-ċirkostanzi tal-każ. Din l-azzjoni trid dejjem tkun pożittiva u meħuda f'waqtha b'rispett lejn l-osservanza tar-regolamenti tas-sewqan.

34. Id-deskrizzjoni tas-sewqan li raw quddiem għajnejhom iż-żewġt Aġenti tal-Pulizija turi li l-appellant ma żammx ruħu ma dawn in-normi maħluqa mill-Liġi u elaborati fil-ġurisprudenza intiżi li jħarsu s-sikurezza fit-toroq. Id-deskrizzjoni mogħtija minn dawn l-Aġenti tal-Pulizija, ma tgħidx fejn kienu qegħdin meta raw dawn il-manuvri, naqset milli ġġib prova xjentifika tal-veloċita effettiva li biha kien qala’ l-appellant mill-posizzjoni stazjonarja tiegħu, l-anqas ma semmew kemm kien hemm nies għaddejjin jew kemm kien hemm karozzi għaddejjin, jew fejn l-appellant kien parkeġġat, id-direzzjoni fejn saq, jew liema zebra crossing huwa baqa’

[16] bħal mirja, rear cameras, sensors, alarms eċċetra.

għaddej minn fuqha. Verament li huma setgħu kienu iżjed dettaljati fid-deskrizzjoni ta' dak li huma raw u semgħu.

35. Mill-banda l-oħra huma taw indikazzjoni ċara ta' fejn seħħew dawn ir-reati : ġewwa l-Pjazza tal-Mosta, u Triq il-Kostituzzjoni, fil-Mosta u ħdejn il-klinika tal-Mosta. Huma jispjegaw li dan is-sewqan perikoluż kien qiegħed isir permezz ta' sewqan b'veloċita eċċessiva u tgħaqqid ta' tyres. Inoltre, l-appellant qala' minn posizzjoni wieqfa b'veloċita eċċessiva, apparti li għadda minn fuq żebra crossing fejn injora għal kollox lin-nies li kienu qed jistennew biex jaqsmu. Imbagħad kompla bil-manuvri tiegħu billi dar mal-blokka tal-klinika tal-Mosta wkoll b'veloċita eċċessiva. Kif intqal iżjed il-fuq, anke li kieku l-appellant kien qiegħed isuq entro l-limiti tal-veloċita konsentita f'dik iz-zona u f'dawk iċ-ċirkostanzi, huwa xorta waħda kien obbligat li jżomm mar-regola superjuri li jrid iżomm "safe speed". Il-fatt li jżomm mal-limitu tal-veloċita mhux biżżejjed. Dak il-limitu tal-veloċita xorta waħda jiddependi miċ-ċirkostanzi li fihom wieħed ikun qiegħed isuq. Allura jekk dik iz-zona hija suġġetta għal limitu ta' mhux iżjed minn 50 kilometru fis-siegħa stante li fl-ibliet jew l-irħula, ma jfissirx li jista' jsuq b'dik il-veloċita wkoll meta jkun għaddej minn fuq zebra crossing bin-nies lesti biex jaqsmu minn fuqha.

36. Apparti minn hekk dawn ix-xhieda jgħidu wkoll li l-appellant kien qiegħed isuq dik il-karozza meta kienet zona daqshekk frekwentata minn nies u traffiku. Dan allura jindika wkoll li kien hemm kemm nies kif ukoll traffiku għaddej minn dawk l-inħawi dak il-ħin. Verament li dawn ix-xiehda ma tawx kont ta' kemm kien hemm nies u kemm kien hemm karozzi għaddejjin. Iżda kien hemm biżżejjed traffiku u nies għaddejjin li għajnejhom għokrithom u xprunathom jaġixxu waqt li kienu "off duty". Il-modalita tas-sewqan tal-appellant f'dak il-kuntest ambjentali u ċirkostanzjali partikolari kien tali li ma kienx jikkostitwixxi "safe speed" jew fi kliem l-Aġenti tal-Pulizija, kien "veloċita eċċessiva". Kien sewqan li bih, apparti t-tagħqid tar-roti – u li ma tistax tgħaqqadhomlha jekk ma tagħfasx il-gass – minn dak deskritt ma kienx sikur ukoll in kwantu għadda minn fuq l-istrixxi pedonali b'veloċita eċċessiva, ergo veloċita li ma kienetx sikura għal dik it-triq f'dak il-kuntest u injora kompletament lin-nies li kienu jridu jaqsmu.

37. Dan il-kuntest jindika sewqan traskurat ossija sewqan li jiddipartixxi minn jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan sikur mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza.

Huwa sewqan li ssawwar ukoll fi ksur tar-regolamenti tat-traffiku grazzi għan-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun. Dan allura jammonta wkoll għal sewqan traskurat. Iżda d-deskrizzjoni mogħtija mill-Aġenti tal-Pulizija tmur lil hinn minn dan in kwantu setgħu jaraw li dik il-modalita ta' sewqan tal-appellant kienet ukoll tali li kienet ukoll ta' perkolu għal dawk it-terzi li riedu jaqsmu minn fuq iz-zebra crossing. Dan il-perikolu jiġi deżunt miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin u l-lokalita' ta' l-incident u l-preżenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-rigel. Fil-fatt l-Aġenti tal-Pulizija setgħu jaraw lil dawn in-nies għaddejjin bir-riġel u li riedu jaqsmu iżda ġew miżmuma milli jagħmlu dan grazzi għas-sewqan tal-appellant b'mod mhux sikur minn fuq iż-zebra crossing li kienu fuqu – li jiġi mifhum li hu dak fil-parti tat-toroq u ambjenti deskritti mill-Aġenti tal-Pulizija fix-xiehda tagħhom.

38. Minn dawn il-kwadru probatorju din il-Qorti tqis li b'dawk il-provi li kellha quddiemha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib lill-appellant ħati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

## Ikkunsidrat

39. Illi kwantu għall-piena li ġiet inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, din jirriżulta li kienet multa ta' tliet mitt euro u skwalifika tal-liċenza tas-sewqan għal ħames xhur nonche nuqqas ta' tliet punti penali fuq il-liċenza tas-sewqan.

40. Huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell Kriminali tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):

> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]
>
> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

41. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

42. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva.

Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

43. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

44. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

45. Din il-Qorti tqis li dawn ma kienux li żbaljati fil-prinċipju u l-anqas manifestament eċċessivi. Biss biss taħt l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta il-piena li setgħet tkun inflitta hija dik ta' multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena. F'dan il-każ, il-Qorti għażlet li timponi piena komplessiva għal-imputazzjonijiet li tagħhom instab ħati u dan jagħmel sens meta l-piena għall-ewwel imputazzjoni titqies assorbita għall-fini tal-piena fit-tieni imputazzjoni (u t-tielet jekk tista' titqies bħala imputazzjonijiet separata mit-tieni waħda).

46. Imbagħad kwantu għall-konsegwenza tal-iskwalifika tal-liċenza tas-sewqan komminata taħt l-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) imponiet ħames xhur. Minn analiżi tal-fedina penali tiegħu jirriżulta li l-appellant kellu diġa każ ieħor deċiż fil-11 ta' Marzu 2019 li kien jinvolvi wkoll is-sewqan tiegħu bil-vettura MVD001, fejn persuna kienet sofriet offiżi gravi ta' natura involontarja u fejn huwa kien diġa weħel tmint ijiem sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan u multa ta' mitejn u ħamsin ewro (€250).

47. Tabilħaqq, jekk l-appellant kien deliverman, huwa kien messu qagħad iżjed attent u jibża għal xogħolu **QABEL** ma huwa wettaq ir-reat, u mhux issa li kkommettih. Wara kollox huwa diġa kellu xogħfa meta qabel dan il-każ kellu inċident li fih spiċċa ġie misjub ħati u l-liċenza tas-sewqan tiegħu kienet sospiża għal tmint ijiem. Ma jirriżultax li l-appellant kien tgħallem il-lezzjoni biex isuq bil-għaqal biex jevita l-inkwiet għalih u għal ħaddieħor.

# Deċide

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**